MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2012

Numru 958/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**Vs**

**Sandra Mc Monagle**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Sandra Mc Monagle ta’ hamsa u erbghin (45) sena, bint il-mejjet Daniel u Giovanna neè Azzopardi, imwielda fit-22 ta’ Dicembru 1962 l-Mtarfa u residenti 113, Aster, Triq il-Flotta, Gzira, detentrici tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 16363(M), talli nhar l-20 ta’ Settembru 2007, f’xi hin ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar (14:00hrs) gewwa Triq il-Flotta kantuniera ma’ Triq il-Kuncizzjoni, Gzira, waqt li kienet qed taghmel uzu mill-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni BBR-387 ta’ l-ghamla Daihatsu:

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, involontarjament ikkagunat feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Emanuel Micallef u dan kif iccertifikat minn Dr. Alain Vella M.D. Reg. No. 2966 ta’ l-Isptar San Luqa;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tieqaf fejn hemm sinjal li jindika “Stop”;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija l-Qorti tisskwalifika lil Sandra Mamo milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu xieraq.

Rat id-dokumenti markati Dok. “AM1”, Dok. “AM2” u Dok. “AM3” a fol. 3, 4 u 6 tal-process esebiti mill-Ispettur Anna Marie Micallef waqt is-seduta tas-17 ta’ Novembru 2008;

Semghet u kkunsidrat ix-xhieda ta’ William Saliba, Warden bin-Numru 021, moghtija waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010[1] u rat id-dokument esebit minnu waqt l-imsemmija seduta markat Dok. “WS1” a fol. 17 sa’ 28A tal-process, ix-xhieda ta’ PS 1122 Arthur Rizzo moghtija waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010[2] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduta markati Dok. “PAR1” u Dok. “PAR2” a fol. 31 sa’ 35 tal-process, ix-xhieda ta’ Renald Cassar moghtija waqt is-seduti tas-26 ta’ Jannar 2010[3] u tal-11 ta’ Mejju 2010[4], ix-xhieda ta’ Emanuel Micallef moghtija waqt is-seduta tal-11 ta’ Mejju 2010[5], ix-xhieda ta’ Stephen Cachia, rapprezentant ta’ Transport Malta, moghtija waqt is-seduta tat-28 ta’ Settembru 2010[6] u rat id-dokument minnu esebit waqt l-imsemmija seduta markat Dok. “SCT1” a fol. 52 sa’ 61 tal-

[1] Fol. 13 sa’ 16 tal-process.
[2] Fol. 29 tal-process.
[3] Fol. 36 sa’ 39 tal-process.
[4] Fol. 41 sa’ 43 tal-process.
[5] Fol. 44 sa’ 48 tal-process.
[6] Fol. 50 sa’ 51 tal-process.

process, u x-xhieda ta' Daniel Gaffarena moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2010[7];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata Sandra Mc Monagle qed tigi akkuzata talli fl-20 ta' Settembru 2007, ghall-habta ta' 2:00p.m., fi Triq il-Flotta kantuniera ma' Triq il-Kuncizzjoni, Gzira, waqt li kienet qed taghmel uzu mill-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni BBR-387 ta' l-ghamla Daihatsu, (1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Micallef u dan kif iccertifikat minn Dr. Alain Vella M.D. Reg. No. 2966 ta' l-Isptar San Luqa; u (2) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tieqaf fejn hemm sinjal li jindika "Stop"; u (3) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina, Appell Kriminali Nru.10/94** deciza fl-24 ta' April 2003, huwa principju assodat fil-kamp kriminali li *l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt' kif gie deciz fil-kawza* ***"Pulizija v. Bugeja"*** *tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, imsahha bil-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilità, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakuntat mill-akkuzat kif*

[7] Fol. 62 sa' 64 tal-process.

*korroborat mic-cirkostanzi jew le. Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija ta' l-akkuzat oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet* ***"Pulizija v. Peter Ebejer"*** *deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:- "Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***"Miller v. Minister of Pensions"*** *[1974] 2 All E.R. 372 ta' l-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt". "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Huwa in bazi ghal dan il-principju hekk fondamentali fil-kamp kriminali li din il-Qorti ghandha tikkonsidra it-tlett akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputata.

**L-ewwel akkuza:**

Kif già iktar 'l fuq osservat l-imputata qed tigi akkuzata talli fl-20 ta' Settembru 2007 f'xi hin ghall-habta tas-2:00p.m. fi Triq il-Flotta kantuniera ma' Triq il-Kuncizzjoni, Gzira, waqt li kienet qed taghmel uzu mill-vettura ta' l-ghamla Daihatsu bin-Numru ta' Registrazzjoni BBR-387, b'nuqqas

ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Micallef u dan kif iccertifikat minn Dr. Alain Vella M.D. Reg. No. 2966 ta' l-Isptar San Luqa.

Biex tipprova din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputata l-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda ewlenin lil Emanuel Micallef, il-passiggier fil-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni HAC-817 li allegatament soffra feriti ta' natura gravi fil-kollizzjoni li sehhet bejn il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni BBR-387 misjuqa mill-imputata u l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni HAC-817 misjuqa minn Renald Cassar, lill-istess Renald Cassar u lil William Saliba, Warden bin-Numru 021, illi investiga l-kollizzjoni in kwistjoni.

Minn ezami tax-xhieda moghtija minn Emanuel Micallef u minn Renald Cassar il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva l-inkonsistenzi li jirrizultaw fix-xhieda taghhom, liema inkonsistenzi serjament jimpingu fuq il-kredibilità tad-deposizzjonijiet li huma taw quddiem il-Qorti.

Emanuel Micallef xehed waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2010[8] u in ezami xehed illi *niftakar li fis-sena 2007 kien sehh incident u dan sehh il-Gzira. Ma niftakarx l-isem tat-triq. Nghid konna jiena u Renald li konna morna nixtru xi parts mill-Gzira. Nghid illi dwar dan l-oggett li konna xtrajna jiena bdejt niccekkja halli nara dawn jekk kellhomx dawk li jissejhu dowels li qishom filters zghar tas-sigaretti tal-hanut ma kien tahomna kollha peress li kienu go kaxxa maghluqa. Nghid illi Renald kien qieghed isuq u jiena kont qieghed niccekja dawna jekk tawniex dawna d-dowels. Kif appena jiena ftaht il-kaxxa li fiha kien hemm dan l-oggett u nehhejtilha t-tape, il-kaxxa li dak il-hin kienet fuqi nghid illi kif jiena ccekjajt li d-dowels kienu hemm dina l-kaxxa zelqet minn fuqi u dan l-oggett waqa' fuq saqajja*[9]*. Dak il-hin saret il-habta fis-sens illi l-karozza li kont fiha jien habtet ma' karozza ohra. Hriga minn gol-karozza, stennejna l-Warden. Niftakar li dakinhar kont liebes Gym*

[8] Fol. 44 sa' 48 tal-process.
[9] Sottolinear tal-Qorti.

*shoes. Nghid wara li hrigt mill-karozza kont qieghed inhoss ftit ta' l-ugigh. Gie l-Warden, sar l-isketch u ahna warrabna 'l hemm. Nghid jiena dan l-oggett kien zelaq minn fuqi u spicca fuq saqajja meta Renald kien ghadu qieghed isuq u allura konna ghadna ma hbatniex[10]. Nghid jiena mbaghad morna lura l-pompa tal-petrol, ghidt lil Renald li jiena kelli naqra ugigh f'saqajja. Jiena mbaghad qbadt il-mutur tieghi u mort il-poliklinika tal-Gzira.* In kontro-ezami però Emanuel Micallef ghal xi raguni biddel il-versjoni tieghu dwar il-mument li fih il-kaxxa li fiha kellha l-oggett li allegatament waqa' fuq saqajh waqghet minn idejh u xehed illi *fil-hin li jien kont qed niccekja dawn id-dowels kienux qeghdin gol-kaxxa dak il-hin Renald kien qed isuq il-karozza u konna qeghdin ghan-nizla. Konna qeghdin nitkellmu. Nixtieq nghid illi jiena din l-kaxxa waqghet fuq sieqi mal-habta. Qed nigi mistoqsi allura kif aktar qabel illum jiena kont ghidt illi dak il-hin illi waqghet fuq saqajja dina l-kaxxa b'dina l-flywheel Renald kien ghadu qed isuq u dana qabel ma saret il-habta nispjega, nghid illi l-veru illi mal-habta l-flywheel harget mill-kaxxa u waqghet fuq sieqi[11].*

Renald Cassar xehed waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010[12] u dwar kif wegga' Emanuel Micallef huwa xehed illi *Emanuel kien qieghed passiggier fuq is-seat ta' quddiem hdejja u nghid illi kien hemm flywheel li kienet qeghda fuq id-dashboard u spiccat fuq saqajn dan Emanuel[13]. Nghid illi kif ahna hrigna mill-karozza jiena u dan Manuel lili Manuel qalli qed inhoss sieqi qed tugghani.* Stranament però dakinhar tal-kollizzjoni u ghad illi Emanuel Micallef kien qallu li kellu siequ tugghaw, Cassar naqas milli jgharraf lill-Warden li investiga l-kollizzjoni li Micallef kien wegga'. Dana jirrizulta kkonfermat mix-xhieda ta' William Saliba, il-Warden li kien investiga din il-kollizzjoni, illi xehed li *bhala procedura u hekk ghamilt f'dan il-kaz jiena wara li hadt il-particulars u lestejt mid-drivers dort ghal passiggieri. U in kwantu ghal passiggieri li kien hemm fil-vettura registration number HAC-817 u precizament il-*

[10] Sottolinear tal-Qorti.
[11] Sottolinear tal-Qorti.
[12] Fol. 36 sa' 39 tal-process.
[13] Sottolinear tal-Qorti.

*passiggier bl-isem ta' Emanuel Micallef karta ta' identita numru 496248(M) nghid illi jiena wara li kont ghamilt id-dettalji kollha necessarji din il-persuna qaltli li huwa kien wegga' saqajh. Jiena dak il-hin ma rajtx injuries u l-persuna ma rajthiex izzappap. Jiena allura ghedtlu jiffirma statement. Nghid illi dana fl-istatement li ffirmali qal hekk, jiena mad-daqqa kelli disk brake fuqi u waqa' fuq saqajja. Jiena sejjer naghmel check up, u dana ffirma dan l-istatment u dan qed nirreferi ghal Emanuel Micallef. Kieku dana Emanuel Micallef qalli fil-bidu nett meta bdejt il-proceduri jiena kont nimxi mod iehor fis-sens li kont insejjah lill-Pulizija. ... dan Emanuel Micallef kien qieghed barra mill-vettura u nixtieq nghid kif naghmel procedura normali jiena l-ewwel li nsaqsi jekk hemmx persuni illi jkunux wegghu. Normalment dawna jkunu, din il-mistoqsija ssir lix-xufiera però nghid illi hadd ma kien irrispondieni f'dan il-kaz illi kien wegga' hlief imbaghad wara meta dort biex nara min kien hemm bhala passiggieri dan Emanuel Micallef qalli dak li jiena digà semmejt. … Renald Cassar ix-xufier tal-vettura HAC 817 lili ma kienx semmieli illi dan Emanuel Micallef kien waqqa' xi disk break fuq saqajh, kieku qalli kont inizzilha*[14].

Dwar l-oggett li bih allegatament wegga' Emanuel Micallef, dakinhar li sehhet il-kollizzjoni bejn il-vettura bin-Numru ta' Regsitrazzjoni BBR-387 u l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni HAC-817, Micallef kien qal lill-Warden li *jiena mad-daqqa kelli disk break fuqi u waqat fuq saqajja u sejjer ghal check up*[15]. Meta xehed quddiem il-Qorti però Emanuel Micallef iddikjara li *l-oggett li kellna gol-kaxxa hija flywheel. Nghid il-flywheel ma ghandhiex x'taqsam mar-roti*[16]. Kompla jghid illi *jiena mechanic. Nghid illi din hija flywheel tal-karozzi Wolkswagen u ma tkunx tista' tigi ffitjata f'karozzi ta' marka ohra. Dina l-flywheel kienet ta' habib taghna. Nghid illi l-flywheel ma nahsibx li tista' tigi ffittjata gewwa vettura tal-marka Nissan Micra. Biex taghmel hekk trid tbiddel il-magna b'kollox. Meta xtrajniha*

---

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010, fol. 13 sa' 16 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.
[15] Dok. "WS1", senjatament a fol. 18 tal-process.
[16] Sottolinear tal-Qorti.

*dina l-flywheel jiena u Renald konna flimkien. Nghid illi 99 fil-mija dina l-flywheel inxtrat ghaliex kienet ser titpogga fil-vettura ta' missier Renald. Ghandi jkun nghid illi l-karozza ta' missier Renald ghandi jkun kienet Nissan Micra però din il-karozza ma tantx rajtha. Lili nghid però Renald lili ma kienx qalli li dina l-flywheel kienet ser titpogga fil-karozza ta' missieru, li naf bhala stat ta' fatt li dan missier Renald kellu problemi bil-magna fil-karozza tieghu. Dakinhar illi Renald però xtara dina l-flywheel jiena ma dhaltx il-hanut mieghu ghax jiena kont mort l-insurance. … Nghid illi l-flywheel kienet dejjem fuqi, qatt ma poggejtha fuq id-dashboard. Poggejt xi affarijiet zghar fuq id-dashboard però mhux il-flywheel. Nghid illi l-kaxxa spicca vojta f'idejja u l-flywheel spiccat ghal fuq sieqi*[17]*.*

Min-naha tieghu Renald Cassar ghalkemm ukoll jghid li l-oggett li bih allegatament wegga' Micallef kien flywheel, diversament minn Emanuel Micallef jghid li din kienet intiza ghall-vettura ta' missieru ta' l-ghamla Nissan Micra u li din il-flywheel kienet fuq id-dashboard tal-karozza tieghu u mhux f'idejn Micallef: *Manuel kien qieghed passiggier fuq is-seat ta' quddiem hdejja u nghid illi kien hemm flywheel li kienet qeghda fuq id-dashboard u bl-incident dina l-flywheel waqghet minn fuq id-dashboard u spiccat fuq saqajn dan Emanuel*[18]*. … In kwantu dina l-oggett li jiena qieghed niddefenih bhala flywheel u li skond dan Emanuel kien wegga' bih nghid ma niftakarx ezatt ta' min kien dan il-flywheel u lanqas niftakar sew, u nghid illi nsejt ghala dan il-flywheel kien qieghed gewwa l-karozza. Qed jigi suggerit lili mid-Difiza jekk fil-fatt dan l-oggett flok dak li qed niddeskrivih bhala flywheel kienx disc brake nghid illi jiena ma nafx*[19]*. Nghid illi d-disc brake naf li jitpogga' fejn tehel ir-rota nghid in kwantu ghal flywheel ma nafx. Nghid jiena sa' fejn rajt jiena din li qed insejhilha flywheel kienet qeghda fuq id-dashboard*[20]*.* Ghalkemm in ezami Renald Cassar donnu ma setax jiftakar ghalfejn dan l-oggett li huwa jsejjahlu flywheel kien fil-vettura tieghu, in kontro-

---

17 Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2010, fol. 44 sa' 47 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.
18 Sottolinear tal-Qorti.
19 Sottolinear tal-Qorti.
20 Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010, fol. 36 sa' 39 tal-process.

ezami[21] stqarr li *dan l-oggett li kien hemm fuq id-dashboard kien tieghi. Nghid jiena konna xtrajna dan l-oggett però ma nafx ghal xiex kien ezatt u dan ghal fini li jissewwa l-karozza ta' missieri[22]. Jien dan l-oggett ghal xiex kien naf li kien xi haga relatata mar-rota tal-karozza però insejt ghal xiex kien. Nghid il-karozza li kellu jitwahhal dan l-oggett fuqha ghax kellha l-hsara kienet il-karozza Nissan Micra[23].*

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi li jirrizultaw mix-xhieda moghtija minn Emanuel Micallef, li allegatament wegga' fil-kollizzjoni meritu ta' dan il-kaz, u minn Renald Cassar, il-Qorti certament ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tossidisfa l-oneru tal-prova impost fuqha, u cioè li tipprova *oltre kull dubju dettat mir-raguni* li fl-20 ta' Settembru 2007 f'xi hin ghall-habta tas-2:00p.m. fi Triq il-Flotta kantuniera ma' Triq il-Kuncizzjoni, Gzira, waqt li kienet qed taghmel uzu mill-vettura ta' l-ghamla Daihatsu bin-Numru ta' Registrazzjoni BBR-387, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, l-imputata involontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Micallef.

Il-Qorti assolutament ma hijiex konvinta mill-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni bl-ewwel akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputata u fin-nuqqas ta' tali prova sodisfacenti, ghandHa l-obbligu li tillibera lill-imputata minn din l-akkuza partikolari hekk dedotta fil-konfront taghha.

**It-tieni akkuza:**

Il-Prosekuzzjoni takkuza lill-imputata wkoll li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hija naqset milli tieqaf fejn hemm sinjal li jindika "Stop". Ghall-fini li tipprova din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputata l-Qorti ressqet bhala xhieda lil Renald Cassar, Daniel Gaffarena, bin l-imputata, u lill-Warden li investiga l-kollizzjoni.

---

21 Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2010, fol. 41 sa' 43 tal-process.
22 Sottolinear tal-Qorti.
23 Sottolinear tal-Qorti.

Renald Cassar jghid li l-kollizzjoni bejn il-vettura tieghu u l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni BBR-387 misjuqa mill-imputata sehh ghaliex *dina baqghet hierga mill-istop sign u dahlet go fija. … Jiena nghid illi l-incident sehh li jiena kif inzilt in-nizla l-imputata baqghet hierga minn fuq stop sign u dahlet go fija*[24]*. Nghid jiena lill-imputata rajtha hierga minn fuq l-istop sign. Jiena ppruvajt inzomm break*[25]*.*

Daniela Gaffarena, bin l-imputata li dakinhar tal-kollizzjoni kien fil-vettura flimkien ma' ommu, jghid illi *in kwantu ta' l-incident li sehh f'Settembru 2007 jiena kont qieghed prezenti. Nghid dakinhar jiena kont qieghed flimkien ma' ommi f'vettura misjuqa minn ommi, konna ghaddejjin minn Triq il-Flotta, Gzira. Ahna u hergin minn Triq il-Flotta, il-mama saqet dik il-bicca ftit il-barra dan biex tara humiex gejjin vetturi ohra, kien hemm vettura ohra li kienet gejja però kienet qieghda il-fuq hafna u nghid illi fil-fatt din il-vettura distanza minna kienet xi darbtejn it-tul ta' din l-Awla*[26]*. Il-vettura li kienet gejja kif innutat li l-mama kienet qieghda taghmel il-procedura li tohrog ghal gewwa t-triq, dana baxxa l-velocità tieghu, imbaghad nghid illi l-vettura giet fi stadju meta l-mama kienet diga harget fit-triq, din il-vettura ziedet sew l-ispeed u baqghet diehla ghal go fina*[27]*. Nghid illi l-vettura l-ohra li habtet fil-vettura taghna kienet ta' l-ghamla Mini Minor ta' kulur ahmar*[28]*.*

Il-Warden li investiga l-kollizzjoni meritu ta' dan il-kaz hejja skizz ta' kif kienu jinsabu l-vetturi wara l-kollizzjoni u gibed xi ritratti li jifformaw parti mir-rapport tieghu dwar dan l-incident[29]. Kemm mill-iskizz kif ukoll mir-ritratti jidher car li fil-mument tal-kollizzjoni l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni HAC-817 kienet già bdiet hierga minn Triq il-Kuncizzjoni ghal fuq Triq il-Flotta u hija l-vettura bin-

---

24 Sottolinear tal-Qorti.

25 Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010, fol.36 sa' 39 tal-process.

26 Awla Nru.12 fejn jinzammu s-seduti tal-Qorti presjeduta mill-Magistrat Saviour Demicoli.

27 Sottolinear tal-Qorti.

28 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2010, fol. 62 sa' 64 tal-process.

29 Dok. "WS1" senjatament dol. 25 sa' 28A tal-process.

Numru ta’ Registrazzjoni BBR-817, gejja minn Triq il-Flotta u li ghandha Stop Sign li trid tosserva, illi hija mahbuta fil-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni HAC-817 u mhux vice versa.

L-iskizz u r-ritratti nettament jikkontradicu dak affermat minn Daniel Gaffarena waqt is-seduta tat-28 ta’ Settembru 2010 dwar id-dinamika ta’ kif sehhet il-kollizzjoni bejn iz-zewg vetturi u minnhom jirrizulta b’mod car li l-imputata ma waqfitx fuq l-Stop Sign fi Triq il-Flotta kantuniera ma' Triq il-Kuncizzjoni, Gzira, biex tesplora x’vetturi ohra kienu kienu ser jidhlu f’dak it-triq kif kienet obbligata li taghmel, izda baqghet hierga minn fuq l-Stop Sign biex tkompli fi triqitha. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad rikjest mill-Ligi, u cioè oltre kull dubju dettat mir-raguni, it-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputata u ghaldaqstant l-istess imputata ghandha tinstab hatija ta’ din l-akkuza.

**It-tielet akkuza:**

Il-Prosekuzzjoni takkuza lill-imputata wkoll li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni BBR-387 b’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont. Marbuta ma’ din l-akkuza hija t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija l-Qorti tisskwalifika lil Sandra Mamo milli tiehu jew jkollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu xieraq.

Fil-kuntest ta’ akkuza kriminali ta’ din in-natura, ibbazata fuq l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa principju guridiku assodat li *sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalità ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan “bi traskuragni kbira”. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn*

*il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilità ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjetà taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalità ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jsita' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dawk ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz … jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' degree … u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà taghhom. … Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness"… "Recklessness" giet definita bhala "willfully shutting one's eye" … Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali…*[30]

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami n-nuqqas ta' l-imputata li tieqaf fl-Stop Sign li hemm fi Triq il-Flotta kantuniera ma' Triq il-Kuncizzjoni, Gzira, jekwivali ghal sewqan traskurat aktar milli ghal sewqan perikoluz u bla kont u dana anke fid-dawl tal-fatt li mir-ritratti esebiti mill-Warden li investiga l-kaz jirrizulta li l-kollizzjoni bejn il-vettura misjuqa mill-imputata u l-vettura misjuqa minn Renald Cassar ma kenitx xi habta kbira li fiha l-vetturi garrbu hsarat konsiderevoli. Kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Mario Buttigieg) v. Paul Magri, Appell Kriminali Nru. 299/02** deciza fid-

[30] Il-Pulizija v. Alfred Mifsud, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXXI – IV – 157; Il-Pulizija v. Mario Gellel, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar 2004 u l-Pulizija v. Roderick Debattista, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju 2004.

19 ta' Frar 2003, *skond il-gurisprudenza stabbilita jkun hemm bzonn ta' grad ferm oghla ta' sewqan hazin minn dak riskontart fil-kaz in ezami* sabiex jissussiti r-reat ta' sewqan preikoluz u/jew sewqan bla kont.

Ghalhekk filwaqt li l-imputata ghandha tinstab hatija tat-tielet akkuza migjuba fil-konfront taghha mill-Prosekuzzjoni, tali htija hija limitata biss ghal sewqan traskurat minhabba l-fatt li ma waqfitx fl-Stop Sign li hemm fi Triq il-Flotta kantuniera ma' Triq il-Kuncizzjoni, Gzira.

L-Artikolu 15(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kaz ta' kull reat iehor taht is-subartikolu (1) il-qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni b'zieda ghall-piena skont dak is-subartikolu, ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem*. Fil-kaz in ezami l-Prosekuzzjoni qed titlob biex f'kaz ta' htija l-Qorti tisskwalifika lil Sandra Mamo milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu xieraq. Ghalkemm it-talba hija diretta fil-konfront ta' Sandra Mamo u mhux ta' Sandra Mc Monagle mill-fedina penali ta' l-imputata jirrizulta car li fit-talba taghha l-Prosekuzzjoni qed tirreferi ghall-imputata li fiz-zmien kienet mizzewga lil certu Mario Mamo u ghalhekk kienet maghrufa bhala Sandra Mamo.

Fid-dawl ta' dak determinat dwar il-htija ta' l-imputata fir-rigward ta' sewqan negligenti u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputata milli jkollha licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' tmint (8) ijiem dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Stabbilita l-htija ta' l-imputata ghat-tieni u tielet akkuzi dedotti fil-konfront taghha, jehtieg issa li tigi trattata l-piena li ghandha tigi imposta fuqha ghal dawn l-akkuzi li taghhom qed tinstab hatja. Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni il-fatt ferm ovvju w evidenti li l-kollizzjoni bejn il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni BBR-387 misjuqa mill-imputata u l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni HAC-817 misjuqa minn Renald Cassar ma

kenitx xi kollizzjoni kbira u ma jirrizultax li l-vetturi garrbu xi hsarat konsiderevoli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 17 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u (3), 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05, il-Qorti tillibera lill-imputata mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghha u dana billi ma gietx ippruvata l-htija taghha fir-rigward ta' tali akkuza, u ssib lill-imputata hatija tat-tieni u tat-tielet akkuzi migjuba fil-konfront taghha in kwantu ma waqfitx fuq l-Stop Sign li hemm fi Triq il-Flotta kantuniera ma' Triq il-Kuncizzjoni, Gzira, u dana jikkostitwixxi sewqan traskurat da parte taghha, u tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal sittin Euro (€60). Il-Qorti in oltre tisskwalifika lill-imputata milli jkollha licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' tmint (8) ijiem dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------